TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 90/16/F

**James & Petrina Briscok**

**vs**

**Bathroom Design Ltd.**

Illum 26 ta' Lulju, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-2 ta' Mejju, 2016 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), rappreżentanti prezz ta' banju li wara għoxrin sena li kien ilu jintuża dana kellu problema bis-sadid.

Is-soċjeta' ntimata ippreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw banju għall-prezz ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) bil-garanzija ta' tletin sena, u wara għoxrin sena dan il-banju ħariġlu s-sadid.

L-intimat issottometta li huma ippruvaw jikkuntattjaw lir-rikorrenti billi jagħtuhom *replacement* tal-banju, pero' xorta waħda dan il-banju kellu xi brix li jista' jirriżulta li jkun hemm xi konsegwenzi oħrajn.

It-Tribunal, għalhekk qed jiddeċiedi li r-rikorrenti għandhom raġun stante li l-garanzija għadha tgħodd.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn ewro (€200), u b'dan illi l-banju li ġie nstallat jiġi mgħoddi lura lis-soċjeta' ntimata a spejjeż tagħhom, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**